# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 5 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1638/00 AJD*

Emanuel Zammit

vs

Gino Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00), liema somma hija dovuta ghaz-zamm tad-dghajsa minn nofs Settembru, 1999 sa nofs Settembru, 2000, liema somma hija certa, likwida u dovuta.
Bl-ispejjes, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut

skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR